# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/2276

## tas-7 ta' Diċembru 2015

## li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/233/PESK ([1]) li tistabbilixxi l-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya).

(2) Fil-21 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/800 ([2]) li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/233/PESK, b'mod partikolari bl-estensjoni sal-21 ta' Novembru 2015 tal-EUBAM Libya u billi tipprevedi ammont ta' referenza finanzjarja għall-istess perijodu.

(3) L-EUBAM Libya għandha tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' tliet xhur, sal-21 ta' Frar 2016.

(4) Id-Deċiżjoni 2013/233/PESK għandha tiġi emendata skont dan.

(5) L-EUBAM Libya ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tostakola l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUBAM Libya għall-perijodu mit-22 ta' Mejju 2013 sal-21 ta' Mejju 2014 għandu jkun ta' EUR 30 300 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUBAM Libya għall-perijodu mit-22 ta' Mejju 2014 sal-21 ta' Frar 2016 għandu jkun ta' EUR 26 200 000."

(2) Fl-Artikolu 16, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tapplika sal-21 ta' Frar 2016.".

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/800 tal-21 ta' Mejju 2015 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 127, 22.5.2015, p. 22).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mit-22 ta' Novembru 2015.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. CAHEN